

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.4.2007
KUMM(2007) 202 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

L-ammont tal-kwota għal ċerti kwoti tariffarji awtonomi tal-Komunità mhux biżżejjed biex jilħaq il-ħtiġijiet ta' l-industrija Komunitarja għall-perjodu attwali tal-kwota. F'rispons għal talbiet minn bosta Stati Membri, id-dipartimenti tal-Kummissjoni flimkien ma' l-esperti tal-gvern ikkonċernati, ikkunsidraw jekk għandhomx jiftħu, iżidu jew jestendu l-kwoti tariffarji għal ċerti prodotti industrijali.

- **Il-kuntest ġenerali**

Fl-20 ta' Diċembru 1996 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali sabiex id-domanda tal-Komunità għall-prodotti kkonċernati għandha tkun tista' tintlaħaq permezz tal-kundizzjonijiet l-aktar favorevoli. Il-kwoti tat-tariffi Komunitarji ġodda għandhom jibdew b'rati ta' dazju mnaqqa jew imneħħija għal kolli għal volumi xierqa, mingħajr ma jfikklu s-swieq għal prodotti bħal dawn. Id-diskussjonijiet fil-laqgħat għall-Grupp tal-Mistoqsijiet dwar it-Tariffa Ekonomika wrew li l-Istati Membri kienu diġà lesti li jibdew, iżidu jew jestendu kwoti għall-prodotti koperti bil-proposta għal Regolament, mingħajr ma jifikklu s-swieq għal prodotti bħal dawn.

- **Dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tal-proposta**

Ir-Regolament (KE) Nru 2505/96 (ĠU L 345, 31.12.1996) kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2014/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006).

- **Il-konsistenza ma' l-istrateġiji politiki oħra u ma' l-għanijiet ta' l-Unjoni**

Il-proposta hija f'konformità mal-politiki agrikoli, kummerċjali, ta' intrapriża, żvilupp u relazzjonijiet esterni. Din il-proposta, b'mod speċjali, mhijiex ta' detriment għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw ftehim kummerċjali preferenzjali ma' l-UE (e.ż. ir-reġimi GSP, ACP).

2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni ma' daww ikkonċernati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin immirati u l-profil ġenerali ta' daww li wiegħu

Ġie kkonsultat il-Grupp Ekonomiku għal Mistoqsijiet dwar Tariffi li jirrapreżenta l-industriji ta' kull Stat Membru.

Sinteżi tat-tweġibiet u kif ġew ikkunsidrati

Il-kwoti kollha mniżżla jirriflettu l-ftehim li ntlaħaq mill-Grupp.

- **Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien espert**

L-oqsma xjentifiċi jew ta' l-għarfien espert ikkonċernati

L-esperti li jirrappreżentaw l-Istati Membri fil-Grupp Ekonomiku għal Mistoqsijiet dwar Tariffi .

Metodoloġija użata

Konsultazzjoni miftuħa.

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

Esperti maħtura minn kull Stat Membru.

Sinteżi tal-pariri miksuba u użati

Ma ssemme wx ir-riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irreversibbli.

Ftehim tal-Grupp Ekonomiku għal Mistoqsijiet dwar Tariffi .

Il-metodi użati sabiex ir-riżultati ta' dawn l-opinjoni esperti jkunu disponibbli għall-pubbliku

Pubblikazzjoni tal-proposta.

- **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

Mhux applikabbli.

Il-proposta ma tidhirx fil-Programm Leġislattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2007.

3) L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

- **Il-bażi ġuridika**

L-Artikolu 26 tat-Trattat tal-KE

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-miżuri proposti huma konformi ma' l-għanijiet tal-programm ta' azzjoni "Dogana 2007".

Dan is-sett ta' miżuri huwa konformi mal-prinċipji għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-operaturi li qed jaħdmu f'kummerċ barrani u mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

Istrument propost: Regolament

Istrumenti oħrajn ma jkunux adegwati minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 26 tat-Trattat tal-KE sospensjonijiet u kwoti tariffarji awtonomi jiġu approvati mill-Kunsill b'maġġoranza kkwalifikata fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

4) L-IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Dazji doganali mhux miġbura b'ammont totali ta' € 5 405 993.

5) INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Klawżola ta' analiżi/reviżjoni/estinzjoni**

Din il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni għall-att kollu jew parti minnu.

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni¹,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Diċembru 1996 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali². Id-domanda Komunitarja għall-prodotti kkonċernati għandhom jintlaħqu bl-aktar kundizzjonijiet favorevoli. Kwoti Komunitarji tat-tariffa għandhom għalhekk jinfetħu fi skali ta' dazju zero għal volumi xierqa filwaqt li jiġi evitat xi tfixkil fis-swieq għal dawn il-prodotti.
- (2) L-ammonti tal-kwoti għal żewġ kwoti tariffarji Komunitarji mhumieq biżżejjed biex jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-industrija Komunitarja. Għaldaqstant, dawn l-ammonti tal-kwoti għandhom jiġu mizjudi.
- (3) Ma għadux fl-interess Komunitarju li jitkomplew jingħataw l-kwoti tariffarji Komunitarji mill-1 ta' Lulju 2007 għal prodott wieħed li d-dazji fuqu ġew sospiżi sa dik id-data. Dak il-prodott għandu għalhekk jitneħħa mil-lista fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2505/96.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 2505/96 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (5) Waqt li titqies l-importanza ekonomika ta' dan ir-Regolament, jeħtieġ li tintuża d-dispożizzjoni dwar l-urġenza msemmija fil-punt 1.3 tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea annessi mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej,
- (6) Peress illi dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2007, għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU L 345, 31.12.1996, p.1 ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2014/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p.20).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tariffarji għall-prodotti stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament huwa mdaħħal fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2505/96.

Artikolu 2

Fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2505/96, ir-ringieli għall-kwoti tariffarji bin-numri ta' l-ordni 09.2603, 09.2727 u 09.2977 huma sostitwiti bir-ringieli stabbiliti fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2505/96, il-kwoti tariffarji għan-numri ta' l-ordni 09.2907 u 09.2908, sejrjn jiddaħħlu b'effett mill-1 ta' Lulju 2007.

Artikolu 4

Fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2505/96, titneħħa r-ringiela għall-kwota tariffarja bin-numru ta' l-ordni 09.2970.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS I

Numru ta' l-ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Id-dazju fuq il-kwoti (%)
09.2907	ex 3824 90 98	86	Steroli tal-pjanti miksuba mill-injam jew miż-żejt tas-sojja, li fihom: — 75 % jew aktar ta steroli, — mhux aktar minn 25 % ta' stanoli, użati bħala materja prima għall-ester ta' l-istanol (1)	1.7. - 31.12.	4 000 tunnellata	0 %
09.2908	ex 3804 00 90	10	Linjosulfonat tas-sodju	1.7.- 31.12.	28 000 tunnellata	0 %
09.2977	2926 10 00		Akrilonitrile	1.7. – 31.12.2007	35 000 tunnellata	0 %

(1) Partita taħt din is-subintestatura hija suġġetta għal kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet Komunitarji rilevanti (ara l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 – ĠU L 253 11.10.1993, p. 1.).

ANNEX II

Numru ta' l-ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Id-dazju fuq il-kwoti (%)
09.2603	ex 2930 90 85*	79*	Bis(3-triethoxysilylpropyl)tetrasulfide	1.1.-31.12.	4 000 tunnellata	0 %
09.2727	ex 3902 90 90	93	Poli-alfa-olefini sintetiċi b'viskożità ta' mill-inqas $38 \times 10^{-6} \text{ m}^2 \text{ s}^{-1}$ (38 centistokes) f'temperatura ta' 100°C imkejla bl-użu tal-metodu ASTM D 445	1.1.-31.12.	16 000 tunnellata	0 %
09.2977	2926 10 00		Akrilonitrile	1.1. – 30.06.2007	35.000 tunnellata	0 %

*Il-Kodiċi NM u l-Kodiċi TARIC japplikaw mill-1 ta' Lulju 2007.

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI
JKOLLHOM IMPATT FINANZJARJU ESKLUSSIVAMENT FUQ L-INTROJTU**

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA

Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

2. LINJI TAL-BAĠIT:

Kapitolu u Artikolu: Il-Kapitolu 12 – l-Artikolu 120

Ammont allokati għas-sena 2007 : € 15 287.900

3. L-IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-proposta m'għandha l-ebda impatt finanzjarju

x☐ Il-proposta m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq, imma għandha impatt finanzjarju fuq l-introjt – l-effett huwa kif ġej:

(€ miljun sa punt deċimali wieħed)

Linja tal-baġit	Dħul ³	Perjodu ta' 12-il xahar li jibda minn jj/xx/ssss	[Sena 2007]
Artikolu 120	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	1/1/2007	- 5.4

4. IL-MIŻURI KONTRA L-FRODI

Dispożizzjonijiet fuq il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji jinkludu miżuri meħtieġa għall-prevenzjoni u l-protezzjoni kontra l-frodi u l-irregolaritajiet.

5. RIMARKI OĦRA

³ F'dak li għandu x'jaqsam ma' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, *levies* fuq iz-zokkor, dazji tad-dwana) jeħtieġ li l-ammonti indikati jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25% ta' l-ispejjeż tal-ġbir.

ANNESS I

Effettiv mill-1. 1.2007:

Deskrizzjoni tal-prodott	Varjazzjoni fil-volum tal-kwota (unità/tunnellati)	Varjazzjoni fi prezz stmat (€ kull unità/€ kull tunnellata)	Il-kwota tad-dazji (%) (2007 CCT)	Id-dazju fuq il-kwoti (%)	Varjazzjoni mistennija fit-telf tad-dħul marbut mal-perjodu ta' kwota preċedenti (f' €)
Akrilonitrile 09.2977	+ 23 000 tunnellata. (volum inizjali: 12 000 tunnellata.)	900	6.5	0	1 345 500
Olefin 09.2727	+ 1 000 tunnellata. (volum inizjali: 15 000 tunnellata)	3 766	6.5	0	244 790

Telf totali ta' dħul f'relazzjoni mal-perjodu ta' kwota preċedenti:
(€ 1 590 290 – € 397 572) € 1 192 718 netti.

ANNESS II

Effettiv mill-1.7.2007:

Deskrizzjoni tal-prodott	Varjazzjoni fil-volum tal-kwota (unità/tunnellati)	Varjazzjoni fi prezz stmat (€ kull unità/€ kull tunnellata)	Il-kwota tad-dazji (%) (2007 CCT)	Id-dazju fuq il-kwoti (%)	Varjazzjoni mistennija fit-telf tad-dħul marbut mal-perjodu ta' kwota preċedenti (f' €)
Steroli 09.2907	+ 4.000 tunnellata (volum inizjali: 0 tunnellata)	13 500	6.5	0	3 510 000
Linju-sulfonat 09.2908	+ 28 000 tunnellata. (volum inizjali: 0 tunnellata)	43	5	0	60 200

Akrilonitrile 09.2977	+ 35 000 tunnellata. (volum inizjali: 0 tunnellata)	900	6.5	0	2 047 500
--------------------------	--	-----	-----	---	-----------

**Telf totali ta' dħul f'relazzjoni mal-perjodu ta' kwota preċedenti:
(€ 5.617.700 – .**